MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 203/2008

**Anchor Bay Leisures Limited**
**v**

**Joseph Armani**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'April 2008 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabilita skond il-ligi, thallasha s-somma ta' disat elef erbgha mija disgha u tmenin euro u sitta u tmenin euro centezmu (Euro 9,489.86) rapprezentanti bilanc ta' hlas minnu dovuta ai termini tal-kuntratt konkluz bejniethom li kopja tieghu hi esebita u mmarkata bhala Dok. A, kif rifless fl-*invoice* numru 49/06 datat wiehed u tletin (31) ta' Lulju 2006 – Dok. B anness.

B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-mittenti fil-konfront tieghu ghar-rigward tac-*cheque* datat hmistax (15) ta' Lulju 2006 minnu rilaxxjat u li gie *referred to drawer*.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru 2006 w interessi legali mid-data li fih l-ammont kien dovut sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors in kwistjoni nhar id-dsatax (19) ta’ Gunju, kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixxal Mario Mizzi a fol 10 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) t’Ottubru 2008 l-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas dovut minnu lis-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ disat elef erbgha mija disgha u tmenin euro u sitta u tmenin euro centezmu (Euro 9,489.86) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------